MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 220/2015

**Perit Colin Zammit f'ismu proprju kif**

**ukoll f'isem id-ditta Maniera Group**

**vs**

**JG Developments Ltd.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti Zammit kien gie inkarigat mis-socjeta` intimata bhala perit arkitett fuq zewg (2) siti, wiehed il-Gudja u l-iehor Hal-Qormi, ghall-kostruzzjoni t'appartamenti;

1.2. Illi ghalhekk hejja disinji, pjanti u ssottometta applikazzjoni ma' l-awtoritajiet koncernati;

1.3. Illi jirrizulta li hu ottjena wkoll il-permess relattiv u ssorvelja l-esekuzzjoni tal-progett sat-terminazzjoni tieghu;

1.4. Illi finalment, ha wkoll il-kejl relattiv tal-kostruzzjonijiet *de quo*;

1.5. Illi l-arkitett, ir-rikorrenti fuq indikat irrilaxxa wkoll il-kontijiet tax-xogholijiet in kwistjoni li komplessivament jammonta ghal hmistax -il elf, erba` mija u hames Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€15,405.98), bilanc minn somma akbar ghas-servizzi professjonali minnhu lilha rezi, u fuq inkarigu taghha stess, liema ammont ghadu mhux minnha saldat, (ara foll 6);

1.6. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas dan l-ammont minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.7. Illi jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi *a tenur* ta' l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li d-debitu surriferit hu wiehed cert, likwidu u dovut, u li s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda risposta valida ghall-istess;

1.8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti *proprio et nomine* adixxa din il-qorti biex din:

1.8.1. Tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta’ l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.8.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* is-somma ta’ hmistax -il elf, erba` mija u hames Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€15,405.98), bilanc minn somma akbar ghal servizzi professjonali rezi mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata;

1.8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata, u bl-imghaxijiet kummercjali mit-30 ta’ Marzu, 2012, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata;

2. Sodisfatta bid-debita notifika tas-socjeta` intimata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smiegh relattiv;

3. Semghet il-konferma ta’ l-imsemmi debitu, (ara foll 47);

4. Tirrileva li jezistu r-rekwiziti indikati fl-artikli 167 *et sequitur* ta’ l-imsemmi Kap fuq riferit;

5. Sodisfatta li t-terminu moghti lis-socjeta` intimata biex tressaq is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward *ai termini* ta’ l-artiklu 170(1) ta’ l-istess Kap ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tar-rikonferma tar-rikors guramentat promotur (ara foll 47), hi sodisfatta bis-segwenti:

6.1. Illi l-ammont rikjamat mir-rikorrenti *proprio et nomine* hu wiehed cert, likwidu u dovut;

6.2. Illi l-ammont hekk dovut mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti *proprio et nomine* hu dak kif minnhu mitlub f'din il-procedura;

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess hi sodisfatta li r-rikorrenti *proprio et nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

7.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

7.2. Tiddeciedi l-procedura odjerna bid-dispensa tas-smiegh kif mitlub, u  dan, *ai termini* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* ta' l-imsemmi Kap 12;

7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* is-somma ta' hmistax -il elf, erba` mija u hames Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€15,405.98), kif fuq dedott;

7.4. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess rikorrenti *proprio et nomine*, fl-imsemmi rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet kummercjali mit-30 ta' Marzu, 2012, kif mitlub, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-fuq imsemmija socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------